MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2009

Citazzjoni Numru. 303/2009

**Grixti Properties Limited**

**Vs**

**Publishers Enterprises Group (P.E.G) Limited**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors mahluf li bih is-socjeta` attrici, wara li qalet illi:

Is-socjeta` attrici hija kreditrici tas-socjeta` konvenuta fis-somma ta' wiehed u disghin elf Euro (€91,000) bilanc minn somma ikbar ta' mija u erbat elef, tmien mija u wiehed u ghoxrin Euro (€104,821) mislufa lill-konvenut u

dana skond ma jirrizulta minn skrittura privata bejn il-partijiet.

Illi ghalkemm is-socjeta` konvenuta giet debitament interpellata skond l-istess ftehim privat a tenur tal-klawzola 1.6 sabiex tersaq ghall-hlas tas-somma minnha dovuta, l-istess socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti.

Illi dana id-debitu ta' wiehed u disghin elf Euro (€91,000) huwa cert, likwidu u dovut u s-socjeta` konvenuta m'ghandha l-ebda eccezzjonijiet validi fil-ligi x'tissoleva biex topponi t-talbiet tas-socjeta` attrici, u b'ehkk jezistu c-cirkostanzi ikkontemplati fl-artikoli 167- artikolu 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta biex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh.

Illi ghalhekk kellha tigi istitwita din il-procedura sabiex is-socjeta` konvenuta tigi ikkundannata illi thallas id-dejn minnha dovut lis-socjeta` attrici ta' wiehed u disghin elf Euro (€91,000).

Talbu illi din il-qorti;

Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh tal-kawza ai termini tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' wiehed u disghin elf Euro (€91,000) rapprezentanti bilanc minn somma akbar mislufa lill-istess socjeta` konvenuta skond ftehim privat bejn is-socjeta` attrici u s-sojceta` konvenuta.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandati kawtelatorji prezentati kontestwalment ma' dan ir-rikors guramentat u bl-imghax bl-ghola rata li tippermetti l-ligi sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta` konvenuta illi hija minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi r-rikors u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lis-socjeta` konvenuta fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-kawza ssejhet tliet darbiet, baqa' ma deher hadd ghas-socjeta` konvenuta.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-qorti taqta' l-kawza billi fil-kontumacja tas-socjeta` konvenuta tilqa' t-talbiet maghmula fir-rikors, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------